MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 305/2015

**L-Avukat Dottor Carlo M. Vigna bhala mandatarju specjali tal-imsiefrin Markus Kulisch (numru tal-passaport Germaniz LOHMOOKVN) u Kathleen Moll (numru tal-passpaort Germaniz LOHMOWL1G)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Carlo M. Vigna bhala mandatarju specjali tal-imsiefrin Markus Kulisch (numru tal-passaport Germaniz LOHMOOKVN) u Kathleen Moll (numru tal-passpaort Germaniz LOHMOWL1G) datat 30 ta’ Marzu 2015 fejn espona: -

## RAGUNI TAT-TALBA

Illi l-mandanti ta' l-attur *nomine* kienu b'hsiebhom jizzewgu matul *cruise* fuq il-vapur *MV Mein Schiff 1* (registrat Malta) u cjoe` nhar is-6 ta' Settembru 2014 izda peress li f’dik id-data l-imsemmi vapur ma kienx jinsab f'ibhra internazzjonali (Dok. 'B'), skont il-ligi Maltija z-zwieg in kwistjoni ma setax isehh dakinhar u ghalhekk minhabba f'dan gie pospost ghal data ohra;

Illi effettivament iz-zwieg in kwistjoni gie ccelebrat nhar l-10 ta' Settembru 2014 fuq il-vapur *MV Mein Schiff 1* izda ghal xi raguni l-kaptan tal-vapur in kwistjoni fuq l-Att taz-Zwieg ma ghamilx korrezzjoni la tad-data ta' l-Att taz-Zwieg u lanqas tad-data taz-zwieg;

Illi fic-certifikat rilaxxat mir-Registratur konvenut (Dok. 'H') kemm **id-"Data ta' l-Att *Date of the Act*"** kif ukoll fil-kolonna numru **(4)** fejn tigi indikata d-data taz-zwieg, huma zbaljati fis-sens li erronjament huma indikati bhala s-6 ta' Settembru 2014 u mhux l-10 ta' Settembru 2014 kif suppost;

Illi ghalhekk l-imsemmi certifikat taz-zwieg ma jirrispekkjax ir-realta` u jehtieg li jigi korrett u ghalhekk saret din il-kawza.

**TALBIET**

Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-korrezzjoni ta' l-Att taz-Zwieg **(Numru wara l-iehor tar-Registru Nru.** *Progressiv number of Registration No.* **2763 Data tad-dhul ta' l-Att** *Date of receipt of the Act* **29/09/2014)** ta' Markus Kulisch u Kathleen Moll, billi:

1. Fejn hemm indikat id-"**Data ta' l-Att** *Date of the Act"* jitnehhew il-kliem "Sat. 06 September 2014" u minflok jitnizzel "Wed. 10 September 2014".

2. Fil-kolonna (4) fejn hemm indikata d-data taz-zwieg jitnehhew "Sat. 06 September 2014" u minflok jitnizzel "Wed. 10 September 2014".

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' Mejju 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 4 ta' Mejju 2015 (fol 28) fejn esponiet bil-qima Dr. Mariella Silvio ghan-nom u

in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u ikkonfermat:

1. Illi *in limine* litis ukoll huwa mehtieg li ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* **tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talba u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti tenut kont ukoll tal-fatt li skont id-dokument anness mar-rikors promotur immarkat Dok G il-Kaptan Dimitros Papatsatsis ammetta li l-izball ghamlu hu;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rkorrenti li qiegda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif illum presjeduta tat-Tlieta, 19 ta’ Mejju 2015 fejn meta ssejjhet il-kawza deher Dr. Carlo Vigna ghar-rikorrenti u Dr. Maurizio Cordina ghall-intimat. Id-difensuri tal-partijiet iddikkjaraw li jistriehu fuq il-provi in atti u li l-kawza tista' tigi

diferita ghas-sentenza. Il-Qorti laqghet it-talba u halliet l-kawza ghas-16 ta' Lulju 2015, fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrent nomine qed jitlob li jsiru korrezzjonijiet fl-att taz-Zwieg ta' Markus Kulisch u Kathleen Moll sabiex l-att jirrifletti d-data korretta u reali taz-zwieg taghhom li sehh f'ibhra internazzjonali fl-10 ta' Settembru 2014.

Illi qabel xejn ghandu jinghad li l-pubblikazzjoni debita saret fil-Gazzetta ta' Gvern fl-10 ta' April 2015(fol 27) u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat hija sorvolata.

Illi l-fatti principali f'din il-kawza mhumiex in kontestazzjoni. L-atturi kellhom jizzewgu fis-6 ta' Settembru 2014 abbord il-vapur *M.V.Mein Schiff I.* L-attur Markus Kulisch u Kathleen Moll it-tnejn huma ta' nazzjonalita' Germaniza. Dikinhar, izda, l-vapur ma kienx jinsab f'ibhra internazzjonali skont il-Ligi Maltija u ghalhekk ic-cerimonja kellha tigi posposta ghall-10 ta' Settembru 2014.

Dawn il-fatti gew ikkonfermati b'affidavit redatt skont il-Ligi kemm tar-rikorrenti u mix-xhieda taghhom **Marcus Borsics** u **Julia Henrike Werkentin**[1]**.**

[1] Affidavits a fol 11 u 13 rispettivament.

Inoltre, l-Kaptan **Dimitrios Papatstatis** ikkonferma ittra miktuba minnu datata s-27 ta' Novembru 2014[2] fejn jghid li kien hu li zzewweg lir-rikorrenti u spjega u kkonferma li billi l-vapur ma kienx f'ibhra internazzjonali fid-data stabbilita, u cjoe` fis-6 ta' Settembru 2014, iz-zwieg ma setax jigi ccelebrat f'dik il-gurnata. Ir-rikorrenti imbaghad izzewgu fl-10 ta' Settembru 2014. Jghid:-

"*By mistake I forgot to amend the two printed dates on the respective act of marriage."*

**Ikkonsidrat li skont l-artiklu 16 tal-Att dwar iz-Zwieg** (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) zwieg civili ghandu jsir fir-Registru taz-Zwieg jew abbord vapur registrat Malta waqt li dan ma jkunx fl-ibhra interni ta' xi pajjiz li ma jkunx Malta.

**Ikkonsidrat** li gie ppruvat a soddisfazzjon ta' din il-Qorti li z-zwieg bejn ir-rikorrenti Markus Kulisch u Kathleen Moll gie ccelebrat abbord il-vapur *M.V. Mein Schiff I* fl-10 ta' Settembru 2014 u ghalhekk ghandhom isiru l-korrezzjonijiet mitluba fl-istess Att sabiex jirriflettu d-data reali taz-zwieg.

Madanakollu l-Qorti tirritjeni li ma sar ebda zball min-naha tal-Intimat u din il-konsiderazzjoni tfisser li m'ghandux jbaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

[2] Esebita a fol 16 tal-process.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **Taqta' u Tiddeciedi**, billi fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel (1) eccezzjoni tal-Intimat, u tilqa' l-ahhar eccezzjoni dwar il-kap tal-ispejjez, tiddisponi mit-talbiet attrici billi **Tilqa' l-istess** u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet hawn isfel imfissra fl-Att taz-Zwieg bin-Numru Progressiv 2763 tas-sena 2014 skont dan li gej:-

**1. Tilqa' l-ewwel Talba** u tordna li fejn hemm indikat **id-"Data ta' l-Att: *Date of the Act*:'** jitnehhew il-kliem "Sat. 06 September 2014" u minflok jitnizzel "Wed. 10 September 2014".

2. **Tilqa' t-tieni Talba** u tordna li fil-kolonna (4) fejn hemm indikata d-data taz-zwieg jitnehhew "Sat. 06 September 2014" u minflok jitnizzel "Wed. 10 September 2014".

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' *Malta* li** kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi disposizzjoni tal-Ligi.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------